



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2011/2308(INI)**

8.5.2012

# **EMENDI**

## **1 - 44**

**Abbozz ta' opinjoni  
Catherine Grèze  
(PE486.208v01-00)**

dwar l-impatti ambjentali tal-gass tax-shale u tal-attivitajiet tal-estrazzjoni tal-gass tax-shale  
(2011/2308(INI))

AM\_Com\_NonLegOpinion

## Emenda 1

### Niki Tzavela

#### Abbozz ta' opinjoni

##### Paragrafu 1

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li **hemm riskji serji għall-ambjent u għas-saħħa assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale**; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex **ma jagħtux fondi jew b'xi mod ieħor** jappoġġjaw l-esplorazzjoni u l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale u ż-żejt f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, **minħabba fl-inkwiet serju dwar is-sostenibbiltà;**

*Emenda*

1. Jenfasizza li studji numerużi u esperjenza mill-Istati Uniti **tul dawn l-aħħar sitt deċenni** turi li **t-tħaffir mhux konvenzjonali għall-gass, meta jintużaw prattiki ta' industria responsabbli, huwa sigur u responsabbli mil-lat ambjentali;** jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex **jipprovdu** fondi **għal u/jew** jappoġġjaw **biss dawk il-proġetti fl-esplorazzjoni għal u l-produzzjoni tal-gass tax-shale fid-dinja li qieħda tiżviluppa u f'postijiet oħra li juru li jużaw prattiki u teknoloġija ta' industria responsabbli sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' impatti avversi fuq is-sigurtà u l-ambjent;**

Or. en

## Emenda 2

### Filip Kaczmarek

#### Abbozz ta' opinjoni

##### Paragrafu 1

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li hemm **riskji serji għall-ambjent u għas-saħħa assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale**; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex **ma jagħtux fondi jew b'xi mod ieħor** jappoġġjaw l-esplorazzjoni u l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale u ż-żejt f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, **minħabba**

*Emenda*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li hemm **numru ta' vantaġġi u żvantaġġi** assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex **jikkunsidraw l-aspetti possibili relatati mal-ambjent u s-saħħa filwaqt li jappoġġjaw l-esplorazzjoni u l-esplorazzjoni tal-karburanti mhux**

*fl-inkwiet serju dwar is-sostenibbiltà;*

*konvenzjonalisti f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;*

Or. en

### **Emenda 3** **Konrad Szymański**

#### **Abbozz ta' opinjoni** **Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li hemm riskji *serji* għall-ambjent u għas-sahħha assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex ***ma jagħtux fondi jew b'xi mod ieħor jappoġġjaw l-esplorazzjoni*** u l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale u ż-żejt f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ***minħabba fl-inkwiet serju dwar is-sostenibbiltà;***

*Emenda*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li hemm riskji għall-ambjent u għas-sahħha assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale, ***li madankollu jistgħu jitnaqqsu bizzżejjed permezz ta' qafas leġiżlattiv xieraq;*** jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex ***jipprovdu fondi jew tipi oħra ta' appoġġ għall-esplorazzjoni*** u l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale u ż-żejt f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ***li jiddependu fuq l-eżistenza ta' liġijiet li jħarsu s-sahħha tal-bniedem u l-ambjent;***

Or. en

### **Emenda 4** **Linda McAvan**

#### **Abbozz ta' opinjoni** **Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li hemm riskji serji għall-ambjent ***u għas-sahħha*** assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex ma jagħtux fondi jew b'xi mod ieħor jappoġġjaw l-esplorazzjoni u l-

*Emenda*

1. Jenfasizza li studji numerużi, u esperjenza mill-Istati Uniti, turi li hemm riskji serji għall-ambjent, ***is-sahħha u ttibdil fil-klima*** assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass tax-shale; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI sabiex ma jagħtux fondi jew b'xi mod ieħor

esplojtazzjoni tal-gass tax-shale u ż-żejt f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, minħabba fl-inkwiet serju dwar is-sostenibbiltà;

jappoġġjaw l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-gass tax-shale u ż-żejt f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, minħabba fl-inkwiet serju dwar is-sostenibbiltà;

Or. en

## Emenda 5

Catherine Grèze

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Abbozz ta' opinjoni

#### Paragrafu 1a (ġidid)

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*1a. Jenfasizza li l-gass mhux konvenzjonali huwa assoċjat ma' riskji kbar, relatati mal-użu ta' sustanzi kimiċi; l-ilma mniġġes b'sustanzi radjuattivi bħar-radon u l-uranju; ammonti kbar ta' ilma wżati għall-fratturazzjoni ta' fluwidu; emisionijiet potenzjalment għolja ta' metan, eċċi.;*

Or. en

## Emenda 6

Fiona Hall

### Abbozz ta' opinjoni

#### Paragrafu 1a (ġidid)

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*1 a. Jenfasizza li t-tħaffir għall-gass tax-shale mhux konvenzjonali jista' joħloq riskji serji fir-rigward tat-tniġġis tal-ilma kkawżat mill-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-proċess tal-fratturazzjoni;*

Or. en

## **Emenda 7**

**Catherine Grèze**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Abbozz ta' opinjoni**

#### **Paragrafu 1b (għid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*I b. Iqis li l-użu tal-gass tax-shale u ta' karburanti fossili oħra għandu jkun konsistenti mal-Artikolu 2 tal-UNFCCC, li jitlob għal "stabilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera f'livell li jipprevjeni interferenza antropoġenika mas-sistema tal-klima" u jenfasizza li l-lock-in sostanzjali għall-infrastrutturi tal-karburanti fossili bħall-gass tax-shale jista' timpedixxi li dan l-għan internazzjonali jintlaħaq;*

Or. en

## **Emenda 8**

**Catherine Grèze**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Abbozz ta' opinjoni**

#### **Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

2. Jenfasizza li l-esplorjazzjoni ta' riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu jfixxlu l-kisba tal-'MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali' filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li digħà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi l-foqra;

2. Jenfasizza li l-esplorjazzjoni ta' riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu jfixxlu l-kisba tal-'MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali' filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li digħà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi l-foqra; **barra dan, jenfasizza li minbarra l-effetti diretti fuq is-saħħa u l-ambjent, l-impati tal-estrazzjoni mhux konvenzjonali tal-gass jew taż-żejt fuq l-għajxien tan-nies huma ta' perikolu partikolari fost oħrajn fil-pajjiżi Afrikani fejn il-komunitajiet lokali**

*jiddependu l-iżjed fuq ir-riżorsi naturali  
għall-agrikoltura u s-sajd;*

Or. en

**Emenda 9**  
**Filip Kaczmarek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta' riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali *jistgħu jfixx klu l-kisba tal-'MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali' filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li diġà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi;*

*Emenda*

2. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni *sostenibbli u li ssir skont l-ogħla standards* ta' riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali, *tista' toħloq opportunità biex jiġi appoġġjat it-tkabbir f'dawk il-pajjiżi li qeqħdin jiżviluppaw li għandhom ħafna depożiti ta' dawn ir-riżorsi billi tippordi sors importanti ta' karburant li huwa iżjed nadif, iżjed kosteffettiv, aħjar mil-lat ambjentali, u iżjed affidabbli meta mqabbel mal-alternattivi eżistenti għall-foqra;*

Or. en

**Emenda 10**  
**Fiona Hall**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. *Jenfasizza* li l-esplojtazzjoni ta' riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu jfixx klu l-kisba tal-'MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali' filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li diġà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi l-foqra;

*Emenda*

2. *Iqis li l-emissjonijiet li jaħarbu tal-metan se jiżdiedu b'mod konsiderevoli biżżeċ-ċieda fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni għall-gass tax-shale madwar id-dinja u li ma saritx valutazzjoni tal-GWP (Potenzjal ta' Effett Serra) kumplessiv tal-gass tax-shale u għalhekk jisħaq li l-esplojtazzjoni ta' riżorsi taż-żejt u gass mhux*

konvenzjonali jistgħu jfixklu l-kisba tal-‘MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali’ filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li diġà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi l-foqra;

Or. en

**Emenda 11**  
**Konrad Szymański**

**Abbozz ta’ opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta’ opinjoni*

2. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta’ riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu *jfixklu l-kisba tal-‘MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali’ filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li diġà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi l-foqra;*

*Emenda*

2. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta’ riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu *jħeġġu it-tkabbir ekonomiku billi jiddependu fuq riżorsi ta’ enerġija tal-post u f’ċerti każijiet jippermettu wkoll it-twettiq tal-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, jekk pajjiż partikolari jkun jiddependi b’mod sinifkanti fuq tipi oħra ta’ karburanti fossili, bħal pereżempju l-faħam;*

Or. en

**Emenda 12**  
**Linda McAvan**

**Abbozz ta’ opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta’ opinjoni*

2. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta’ riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu jfixklu l-kisba tal-‘MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali’ *filwaqt li jipperikola l-impenji li ttieħdu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li diġà jaffettwaw l-aktar lill-pajjiżi l-foqra;*

*Emenda*

2. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta’ riżorsi taż-żejt u gass mhux konvenzjonali jistgħu jfixklu l-kisba tal-‘MD 7 dwar is-Sostenibbiltà Ambjentali’, *u jdgħajjef l-impenji internazzjonali li ttieħdu l-aħħar fir-rigward tat-tibdil fil-klima li ġew stabiliti fil-Ftehim ta’ Kopenhagen;*

*jinnota li t-tibdil fil-klima* diġà *jaffettwa l-aktar lill-pajjiżi l-foqra;*

Or. en

### Emenda 13

Catherine Grèze

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Abbozz ta' opinjoni

##### Paragrafu 2a (ġdid)

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*2 a. Jinsisti li għandhom jittieħdu tagħlimiet mill-Istati Uniti rigward l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale; b'mod partikolari jinnota bi tħassib li l-estrazzjoni tal-gass tax-shale teħtieġ volumi kbar ħafna ta' ilma, li se jipperikola l-ksib tal-MDG 7 dwar l-aċċess għal ilma nadif u s-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-foqra li diġà qegħdin jiffacċċaw nuqqas enormi ta' ilma;*

Or. en

### Emenda 14

Niki Tzavela

#### Abbozz ta' opinjoni

##### Paragrafu 3

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

3. Jissottolinja li l-akkwiżizzjonijiet tal-art *għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass huma fatturi ewlenin fit-teħid tal-art madwar id-dinja u huma ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra madwar id-dinja, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ħamrija fertili u ikel;*

3. Jissottolinja li *l-entitajiet ekonomiċi Ewropej kollha għandhom dejjem jaġixxu b'konsultazzjoni mill-qrib u b'mod trasparenti mal-korpi governattivi u l-komunitajiet lokali xierqa kollha rigward kwistjonijiet ta' kiri u/jew l-akkwiżizzjonijiet tal-art sabiex jiġi żgurat li l-komunitajiet lokali huma konxji bis-*

*sħiħ dwar il-benefiċċi tal-gass mhux konvenzjonali u li t-tħassib tagħhom jiġi indirizzat; jenfasizza li l-impatt tal-iżvilupp tal-gass naturali fuq is-superfiċċe huwa ħafna iżjed baxx meta mqabbel mal-minjieri tal-faħam, mal-irziezet tarriħ, u ma' sorsi oħra ta' enerġija; jinnota li t-tekniki moderni ta' tħaffir jippermettu l-iżvilupp ta' ħafna kilometri kwadri minn pjattforma ta' bir waħda;*

Or. en

### **Emenda 15**

**Catherine Grèze**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Abbozz ta' opinjoni**

##### **Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jissottolinja li l-akkwiżizzjonijiet tal-art għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass huma fatturi ewlenin fit-teħid tal-art madwar id-dinja u huma ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra madwar id-dinja, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ġamrija fertili u ikel;

*Emenda*

3. Jissottolinja li l-akkwiżizzjonijiet tal-art għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass huma fatturi ewlenin fit-teħid tal-art madwar id-dinja u huma ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra madwar id-dinja, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ġamrija fertili u ikel; *jinnota li, wara l-waqgħha fis-swieq finanzjarji li seħħet fl-2008, kien hemm żieda mghaqqa fl-investimenti globali fl-industriji tal-estrazzjoni min-naħa ta' investituri fil-hedge funds u l-fondi tal-pensjonijiet, li wasset biex l-estrazzjonijiet tagħhom żiddu;*

Or. en

### **Emenda 16**

**Filip Kaczmarek**

#### **Abbozz ta' opinjoni**

##### **Paragrafu 3**

PE489.399v01-00

10/25

AM\901354MT.doc

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jissottolinja li l-akkwiżizzjonijiet tal-art għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass **huma fatturi ewlenin fit-teħid** tal-art **madwar id-dinja u huma** ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra **madwar id-dinja**, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ġamrija fertili u ikel;

*Emenda*

3. Jissottolinja li l-akkwiżizzjonijiet tal-art għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass **qegħdin jikkontribwixxu lejn il-fenomenu tat-teħid** tal-art **fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jista' jkun** ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ġamrija fertili u ikel; **għalhekk jenfasizza li l-entitajiet ekonomiċi Ewropej kollha għandhom dejjem jaġixxu b'konsultazzjoni mill-qrib u b'mod trasparenti mal-korpi governattivi u l-komunitajiet lokali xierqa kollha rigward kwistjonijiet ta' kiri u/jew ta' akkwiżizzjoni tal-art;**

Or. en

**Emenda 17**

Konrad Szymański

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jissottolinja li **l-akkwiżizzjonijiet** tal-art **għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass huma fatturi ewlenin** fit-teħid tal-art madwar id-dinja u huma ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra madwar id-dinja, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ġamrija fertili u ikel;

*Emenda*

3. Jissottolinja li **waqt li użu mhux responsabbi** tal-art **għall-produzzjoni ta' bijokarburanti huwa fattur ewleni** fit-teħid tal-art madwar id-dinja u huma ta' theddida sinifikanti għall-komunitajiet indiġeni, bdiewa u nies foqra madwar id-dinja, f'termini ta' aċċess għall-ilma, ġamrija fertili u ikel, **il-gass tax-shale huwa fost is-sorsi ta' enerġija l-iżjed effiċjenti f'termini ta' ilma użat għal kull unità ta' enerġija u ma jeħtieġx erja kbira ta' art għal sit għall-pjattaforma ta' bir;**

Or. en

**Emenda 18**  
**Linda McAvan**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*3a. Jisħaq li l-fratturazzjoni idrawlika teħtieġ ammont enormi ta' ilma, u jinsab imħasseb li f'żoni li jsorru min-nixfa, il-komunitajiet u l-bdiewa lokali jistgħu jsorru minn nuqqas ta' ilma jekk il-ħtiġijiet tagħhom ma jingħatawx prijorità;*

Or. en

**Emenda 19**  
**Filip Kaczmarek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

4. Jinnota *bi tħassib li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jipprovdix garanzija adegwata kontra riskji għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu inkwetat, għalhekk, dwar* kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

4. Jinnota li *minkejja l-opinjoni legali esperta mill-Kummissjoni Ewropea tenfasizza li ma hemm l-ebda ħtieġa għall-introduzzjoni immedjata ta' bidlet legali rigward il-produzzjoni tal-gass tax-shale fl-UE, jitlob li* kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw *jiggarantixxi ħarsien tas-sostenibbiltà ambjentali u s-saħħa tal-bniedmin; jiddikjara wkoll l-opinjoni li l-kumpaniji Ewropej għandhom jimpiegaw standards tal-industrija responsabbli kull fejn joperaw;*

Or. en

**Emenda 20**  
**Niki Tzavela**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

*4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jipprovdix garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu inkwetat, għalhekk, dwar kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīzorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;*

*Emenda*

*4. Jenfasizza l-opinjoni li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiprovvdi qafas regolatorju adegwat għat-tħaffir għall-gass mhux konvenzjonali fis-27 Stat Membru, kif deskrirt fir-Rapport tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija li nħareġ dan l-aħħar rigward il-gass tax-shale; jenfasizza wkoll li l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-UE relatata mat-tħaffir għall-gass mhux konvenzjonali tiġi implementata bis-sħiħ għall-ħarsien tal-ambjent u s-saħħha tal-bniedem; jiddikjara wkoll l-opinjoni li l-kumpaniji Ewropej għandhom jimplimentaw standards ta' industria responsabbi kull fejn joperaw;*

Or. en

**Emenda 21**  
**Catherine Grèze**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

*4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jipprovdix garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu inkwetat, għalhekk, dwar kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīzorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin*

*Emenda*

*4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jipprovdix garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu inkwetat, għalhekk, dwar kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīzorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin*

jiżviluppaw;

jiżviluppaw, *filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-effetti tal-attività jiet tal-kumpaniji taż-żejt fuq l-ambjent, is-saħħa u l-iżvilupp jiġisieri fl-Afrika Subsaharjana diġà juru li l-implementazzjoni u l-infurzar tal-liġi jirrappreżentaw limitazzjoni ewlenija;*

Or. en

**Emenda 22**  
**Linda McAvan**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jinnota ***bi tħassib*** li ***l-qafas*** regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ***ma jipprovdix*** garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mill-attività jiet tal-gass tax-shale; ***hu inkwetat, għalhekk, dwar kull investiment potenzjali*** minn kumpaniji Ewropej f'rizzorsi taż-żejt jew ***tal-gass mhux konvenzjonali*** f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

*Emenda*

4. Jinnota li ***minħabba li mhuwiex ċar jekk il-qafas*** regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE jipprovdix ***jew le*** garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mill-tività jiet tal-gass tax-shale, ***il-Kummissjoni Ewropea qiegħda twettaq serje ta' studji li huma mistennija li jitlestew aktar tard din is-sena; iqis li t-tagħlimiet li se jittieħdu minn dawn l-istudji għandhom jinformat dwar l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale*** minn kumpaniji Ewropej f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

Or. en

**Emenda 23**  
**Konrad Szymański**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jinnota ***bi tħassib*** li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ***ma***

*Emenda*

4. Jinnota li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ***jipprovdி*** garanzija

*jipprovdivx* garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu *inkwetat, għalhekk, dwar* kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'riżorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu *tal-opinjoni li* kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'riżorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw *għandu jiġi akkumpanjat minn aġġustamenti meħtieġa fil-liġijiet tagħhom bi proporzjon mal-operazzjonijiet relatati maż-żejt u l-gass tax-shale;*

Or. en

## Emenda 24

Fiona Hall

### Abbozz ta' opinjoni

#### Paragrafu 4

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE *ma jipprovdivx garanzija adegwata* kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu inkwetat, għalhekk, dwar kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'riżorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

*Emenda*

4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE *jista' ma jkunx salvagwardja biżżejjed* kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; hu inkwetat, għalhekk, dwar kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'riżorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

Or. en

## Emenda 25

Andreas Mölzer

### Abbozz ta' opinjoni

#### Paragrafu 4

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju

*Emenda*

4. Jinnota bi tħassib li l-qafas regolatorju

preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jipprovdix garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; **hu inkwetat**, għalhekk, **dwar** kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīzorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

preżenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jipprovdix garanzija adegwata kontra r-riskji għall-ambjent u s-saħħha tal-bniedem li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-gass tax-shale; **hu jirrifjuta**, għalhekk, kull investiment potenzjali minn kumpaniji Ewropej f'rīzorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

Or. de

**Emenda 26**  
**Filip Kaczmarek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4a. Jitlob li jingħata appoġġ teknoloġiku u ta' kompetenza lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex tiġi permessa l-esplorazzjoni sigura u sostenibbli tal-gass tax-shale ippreċeduta minn konsultazzjonijiet u evalwazzjoni tal-impatt tagħha fuq l-ambjent;*

Or. en

**Emenda 27**  
**Linda McAvan**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4 a. Huwa mħasseb dwar kwalunkwe investiment possibbli minn kumpaniji Ewropej f'rīzorsi taż-żejt jew tal-gass mhux konvenzjonali fil-pajjiżi li qegħdin*

*jiżviluppaw;*

Or. en

**Emenda 28**

**Filip Kaczmarek**

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 4b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4 b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-BEI u lill-investituri sabiex iżommu djalogu mas-soċjetajiet lokali rigward l-esplorazzjoni tal-gass tal-qoxra tad-dinja fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;*

Or. en

**Emenda 29**

**Catherine Grèze**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitàajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssahħħa l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li jaapplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitàajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssahħħa l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li jaapplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom, *inkluż permezz tal-Prinċipji tal-Ekwatur, il-Prinċipji ta' Investment Responsabili, il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Kunitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja;*

Or. en

**Emenda 30**  
**Konrad Szymański**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi *ssaħħaħ l-istandards u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;*

*Emenda*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi *toqgħod fuq l-Aħjar Prattiki Disponibbli tal-estrazzjoni tal-gass tax-shale żviluppati mill-Агентија Internazzjonali tal-Enerġija, bl-osservanza tal-liġijiet ambjentali eżistenti u l-istipulazzjonijiet ta' responsabbiltà f'każijiet ta' inċidenti li jistgħu jseħħu;*

Or. en

**Emenda 31**  
**Birgit Schnieber-Jastram**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi *ssaħħaħ l-istandards u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;*

*Emenda*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi *ssaħħaħ l-istandards u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom; jenfasizza wkoll li l-obbligu tal-UE li tiżgura l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, stabilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE, għandu jiġi rrispettat;*

Or. en

**Emenda 32**  
**Corina Crețu**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssaħħaħ l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;

*Emenda*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssaħħaħ l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom; ***u li toħloq qafas leġiżlattiv sabiex ikollha garanziji dwar il-kwalità tat-teknoloġija li tintuża, sabiex jiġu evitati effetti sekondarji negattivi possibbli;***

Or. en

**Emenda 33**  
**Niki Tzavela**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà ***li tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssaħħaħ l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpanniji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;***

*Emenda*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha responsabbiltà ***sabiex tiżgura li l-entitajiet ekonomiċi Ewropej kollha li huma involuti fit-tħaffir għall-gass mhux konvenzjonali jirrispettaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni kollha tal-UE;***

Or. en

**Emenda 34**  
**Filip Kaczmarek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha **responsabbiltà li** tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssaħħaħ l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpannji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;

*Emenda*

5. Jieħu l-pożizzjoni li, meta tospita kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni, l-UE għandha tinfluwenza l-imġieba tagħhom fir-rigward ta' prattiki aktar sostenibbli, jiġifieri, billi ssaħħaħ l-istandardi u r-regolamenti tat-tmexxija tal-kumpannji li japplikaw għall-banek u l-fondi li jiffinanzjawhom;

Or. en

**Emenda 35**  
**Catherine Grèze**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*5 a. Ifakk li minbarra r-regolamenti fil-pajjiżi fejn joperaw, il-kumpaniji internazzjonali taż-żejt huma soġġetti wkoll għall-ġurisdizzjonijiet tal-post fejn ikunu elenkti fil-Borża; iqis li r-regolamenti tal-pajjiż li fih ikun qed isir it-tħaffir għandhom jiprovd mezz effettiv għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem f'sitwazzjonijiet fejn jeżistu nuqqasijiet fl-obbligu ta' responsabbiltà, skont il-mudell tal-Atti tal-Istati Uniti dwar Klejms li jirrigwardaw Imġieba Ħażina ta' Persuni jew Entitajiet Barranin;*

Or. en

**Emenda 36**  
**Filip Kaczmarek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jinnota li **jeżistu ħafna strumenti li jistgħu jindirizzaw l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tal-attività jiet tal-industriji estrattivi, bħall-Inizjattiva ta' Rappurtagħ globali, il-UN Global Compact u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali; jindika, madanakollu, li l-linji ta' gwida volontarji m'humiex biżżejjed biex itaffu l-impatt negattiv tal-estrazzjoni;**

*Emenda*

6. Jinnota li ***l-kontribuzzjoni* tal-industriji estrattivi *għall-iżvilupp sostenibbli u t-tnejqis tal-faqar għandha tkun ibbażata fuq titijib mill-Bank Dinji relatat ma' (i) *il-formulazzjoni ta' strateġija integrata sabiex l-ghotxi ta' riżorsi jiġi mibdul fi żvilupp sostenibbli billi jiġi pprovdut dħul lill-gvernijiet, billi jitnaqqsu l-effetti ambjentali u soċjali negattivi u jiġu ffavvoriti l-komunitajiet lokali, (ii) it-tisħiħ tal-implementazzjoni tal-proġetti bili jipu pprovduti politiki ta' salvagwardja rigward l-impatti ambjentali u soċjali tal-estrazzjoni tar-riżorsi, u (iii) *l-involvement tal-partijiet interessati fl-indirizzar ta' kwistjonijiet fil-livelli kollha billi tittejjeb il-konsultazzjoni mal-komunitajiet lokali, u billi jsir rappurtagħ globali, u trasparenti dwar indikaturi ewlenin ta' sostenibbiltà;*****

Or. en

**Emenda 37**  
**Niki Tzavela**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jinnota li jeżistu ħafna strumenti **li jistgħu jindirizzaw l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tal-attività jiet tal-industriji estrattivi, bħall-Inizjattiva ta' Rappurtagħ globali, il-UN Global Compact**

*Emenda*

6. Jinnota li ***llum* jeżistu ħafna strumenti, bħall-Gwida tal-Industria taż-Żejt u l-Gass tal-IPIECA dwar ir-Rappurtagħ globali, u *Inizjattiva* ta' Rappurtagħ globali, u *I-***

u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali; jindika, madanakollu, li l-linji ta' gwida volontarji m'humiex bīżejjed biex itaffu l-impatt negattiv tal-estrazzjoni;

*Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI), li jistgħu jissupplimentaw il-politiki eżistenti tas-sostenibbiltà tal-kumpaniji u jiġu rrapurtati pubblikament; Jirrikonoxxi li l-esplorazzjoni u l-prattiki ta' produzzjoni tal-gass mhux konvenzjonali li llum jintużaw ħafna mill-industrija digħi jinkorporaw standards, tagħmir, u politiki li l-effikaċċja tagħhom ġiet evidenzjata sabiex jiġi żgurati operazzjonijiet li huma siguri u responsabbi mil-lat ambjentali;*

Or. en

**Emenda 38**  
**Catherine Grèze**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jinnota li jeżistu ħafna strumenti li jistgħu jindirizzaw l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tal-aktivitajiet tal-industriji estrattivi, bħall-Inizjattiva ta' Rappurtagġġ globali, il-UN Global Compact u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali; jindika, madanakollu, li l-linji ta' gwida volontarji m'humiex bīżejjed biex itaffu l-impatt negattiv tal-estrazzjoni;

*Emenda*

6. Jinnota li jeżistu ħafna strumenti li jistgħu jindirizzaw l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tal-aktivitajiet tal-industriji estrattivi, bħall-Inizjattiva ta' Rappurtagġġ globali, il-UN Global Compact u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali; jindika, madanakollu, li l-linji ta' gwida volontarji m'humiex bīżejjed biex itaffu l-impatt negattiv tal-estrazzjoni; *għalhekk jisħaq fuq il-ħtieġa li tkompli tiġi kkunsidrata l-kwistjoni li jiġi imposti obbligi legali diretti fuq l-entitajiet tan-negozju skont il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jkompli jiġi kkunsidrat kif obbligi bħal dawn jistgħu jiġi mmonitorjati;*

Or. en

**Emenda 39**  
**Konrad Szymański**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jinnota li jeżistu ħafna strumenti li jistgħu jindirizzaw ***l-impatti*** soċjali u ambjentali negattivi tal-attivitajiet tal-industriji estrattivi, bħall-Inizjattiva ta' Rappurtaġġ globali, il-UN Global Compact u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali; jindika, madanakollu, li l-linji ta' gwida volontarji ***m'humiex*** biżżejjed biex itaffu ***l-impatt negattiv*** tal-estrazzjoni;

*Emenda*

6. Jinnota li jeżistu ħafna strumenti li jistgħu jindirizzaw ***impatti*** soċjali u ambjentali negattivi tal-attivitajiet tal-industriji estrattivi, bħall-Inizjattiva ta' Rappurtaġġ globali, il-UN Global Compact u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali; jindika, madanakollu, li l-linji ta' gwida volontarji ***f'ċerti każijiet jistgħu ma jkun ux*** biżżejjed biex itaffu ***l-impatt negattivi*** tal-estrazzjoni;

Or. en

**Emenda 40**  
**Linda McAvan**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6a (ġidid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***6 a. Jinnota li d-Direttivi tal-UE dwar il-Kontabilità u t-Trasparenza bħalissa qegħdin jiġi riveduti u dan jikkostitwixxi opportunità biex jiġi evitati l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni minn industriji tal-estrazzjoni;***

Or. en

**Emenda 41**  
**Konrad Szymański**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7**

*Abbozz ta' opinjoni*

*7. Iheggieg lill-Kummissjoni tidentifika  
għażiet ġodda għat-tisħiħ tal-istards  
dwar ir-responsabbiltajiet ta'  
korporazzjonijiet transnazzjonali fir-  
rigward tad-drittijiet soċjali u ambjentali  
u mezzi possibbli tal-implementazzjoni.*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

#### **Emenda 42**

**Niki Tzavela**

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 7**

*Abbozz ta' opinjoni*

*7. Iheggieg lill-Kummissjoni tidentifika  
għażiet ġodda għat-tisħiħ tal-istards  
dwar ir-responsabbiltajiet ta'  
korporazzjonijiet transnazzjonali fir-  
rigward tad-drittijiet soċjali u ambjentali u  
mezzi possibbli tal-implementazzjoni;*

*Emenda*

*7. Iheggieg lill-Kummissjoni **biex taħdem**  
**flimkien mal-industrija u mas-soċjetà**  
**ċivili sabiex tikkunsidra l-firxa ta'**  
**għażiet disponibbli llum sabiex tiżgura li**  
**l-komunitajiet lokali jibbenefikaw mill-  
iż-żvilupp tal-gass tax-shale u li t-tħassib  
ambjentali u ta' sigurtà tagħhom jiġi  
indirizzat kif xieraq matul iċ-ċiklu tal-  
ħajja tal-proġett;***

Or. en

#### **Emenda 43**

**Andreas Mölzer**

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 7**

*Abbozz ta' opinjoni*

*7. Iheggieg lill-Kummissjoni tidentifika  
għażiet ġodda **għat-tisħiħ** tal-istards  
dwar ir-responsabbiltajiet ta'  
korporazzjonijiet transnazzjonali fir-*

*Emenda*

*7. Iheggieg lill-Kummissjoni tidentifika  
għażiet ġodda **għall-implementazzjoni** ta'  
standards **obbligatorji** dwar ir-  
responsabbiltajiet ta' korporazzjonijiet*

rigward tad-drittijiet soċjali u ambjentali u **mezzi** possibbli tal-implementazzjoni.

*internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet soċjali u ambjentali u **ssaħħaħ il-mezzi** possibbli għall-implementazzjoni tagħhom.*

Or. de

**Emenda 44**  
**Linda McAvan**

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 7a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*7 a. Huwa mħasseb li ċerti kumpaniji taż-żejt u l-gass mhux konvenzjonali joperaw bi standards ta' sigurtà differenti madwar id-dinja; jitlob li l-Istati Membri jeħtieġu li l-kumpaniji bi kwartieri ġenerali fl-UE japplikaw standards tal-UE fl-operazzjonijiet tagħhom kollha madwar id-dinja;*

Or. en